# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE
# NRU 159/2016
# tat-8 ta' Lulju 2016
# li temenda l-Anness XXII (Liġi tal-kumpaniji) tal-Ftehim ŻEE [2018/380]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/884 tat-8 ta' Ġunju 2015 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-proċeduri meħtieġa għas-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri stabbilita bid-Direttiva 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness XXII tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 1 (id-Direttiva 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XXII tal-Ftehim ŻEE:

"1a. **32015 R 0884**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/884 tat-8 ta' Ġunju 2015 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-proċeduri meħtieġa għas-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri stabbilita bid-Direttiva 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 144, 10.6.2015, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/884 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2016, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Bergdís ELLERTSDÓTTIR

---

([1]) ĠU L 144, 10.6.2015, p. 1.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.